Minuti tal-kontinwazzjoni tas-37 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar it-Tnejn 23 ta' April, 2012. Il-laqgha nbdiet hin 4.50pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv Joanne Attard

**Skuzata:**
Kunsillier Lisa Marie Brooke minhabba xoghol

1. **Seher il-Punent.**

2. Il-laqgha nzammet b'kontinwazzjoni tas-37 laqgha biex ikun hemm *follow up* tal-attivita' Seher il-Punent. Il-Kunsill iddiskuta il-programm tal-attivitajiet li gie spjegat u approvat.

3. Il-Kunsill qabel unanimament illi Seher il-Punent isir fil-Pjazza peress li l-pavimentar lest fil-maggor parti tieghu. Is-sundial ser ikun ghadu ma tlestiex u ser jinghalaq mill-kuntrattur permezz ta' injam li ser jitghata bi sticker bil-logos tal-Kunsill, ta' Seher il-Punent u tal-kuntrattur. Emanuel Muscat staqsa jekk hux possibbli li jghaddu n-nies minn fuq il-pavimentar wara gimgha. Gie spjegat illi n-nies jistghu jghaddu, vetturi ma jistghux. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilita' illi fil-futur '*heavy vehicles*' ikunu devjati minn Triq Dun Alwig Mizzi u ma jithallewx jghaddu mill-Pjazza. It-tarmak fi Triq il-Knisja huwa mistenni li jigi moghti l-Erbgha. Gie spjegat illi r-restawr tas-salib tal-pjazza huwa prevvist li jkun lest ukoll sa Seher il-Punent.

4. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivitajiet tal-progett OBIMED li ser isiru matul il-weekend ta' Seher il-Punent, fosthom konferenza li ser issir il-Gimgha 27 ta' April. Gie spjegat ukoll li ser issir laqgha tal-kumitat tal-pilotagg is-Sibt filoghdu. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-kiosks OBIMED fejn gie spjegat illi zewg kiosks ser jittiehdu Sqallija u wiehed mill-kiosks ser ikun stallat fl-Gharb.

5. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-ikla tradizzjonali li ser issir il-Gimgha 27 ta' April. Gie spjegat illi l-Erbgha 25 ta' April ser issir laqgha ghall-waiters u Shirley Ann Cecchini ser tkun inkarigata mill-koordinament tal-waiters. Gie spjegat illi l-voluntiera ser jingabru biex jippreparaw ghall-ikla l-Hamis filghaxija. Gie spjegat illi waqt l-ikla tradizzjonali partecipanti mid-delegazzjonijiet tal-gemellagg ser janimaw is-serata permezz ta' elementi folkloristici.

6. Gie spjegat illi s-Sibt ser jinzammu il-cultural walking tours.

7. Il-Kunsill qabel illi l-loghba tat-tug of war ghandha ssir il-Gimgha u l-Hadd filghaxija. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-lokal fejn ser issir it-tug of war. Il-Kunsill qabel li din ghandha ssir fuq it-tarmak ftit 'il barra minn fejn tintlaghab is-soltu. Gie spjegat illi l-Erbgha fis-6.00pm ser jittellghu il-poloz tat-tug of war. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex min jixtieq ikun prezenti ghal din l-attivita'.

8. Il-Hadd filoghdu ser issir l-attivita' tal-muturi. Il-Kunsill qabel li bhas snin precedenti ghandhom jinghataw ritratti ta' rikordju lill-partecipanti.

9. Bhala armar tal-Pjazza il-Kunsill qabel illi din is-sena il-palk ghandu jsir in-naha tal-lemin kif thares lejn il-Knisja. Bhala sound il-Kunsill qabel li dan ghandu jinzamm baxx kemm jista' jkun specjalment waqt l-attivitajiet tal-Hadd wara Nofsinhar. Il-Hadd wara Nofsinhar ser issir l-attivita' Karnival fir-Rebbiegha fejn ser ikunu qed jiehdu sehem diversi gruppi Maltin. Il-Kunsill ser ikun qed jipprovdi sussidju ta' nofs il-valur tal-biljett tal-vapur ghall-adulti u l-biljett tal-vapur ghat-tfal. Fir-rigward ta' parkegg il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilita' li dawn jitwasslu bil-bus sa Triq il-Knisja k\m Triq il-Vizitazzjoni u mbaghad il-bus tmur tistenna hdejn ta' Dbiegi.

10. Il-Kunsill iddiskuta dwar kiri ta' tinda ghall-attivitajiet ta' Seher il-Punent u qabel li din ghandha tinkera biss jekk ikun prevvist li ser ikun maltemp.

11. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attivita' tal-gemellagg li ser tkun qed issir waqt il-granet ta' Seher il-Punent. Il-Kunsill iddiskuta dwar akkomodazzjoni tal-gruppi li ser tkun qed issir fil-kumpless ta' Sbejha u Grand Hotel u l-programm ta' l-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinxtraw tifkiriet ghall-gruppi tal-gemellagg.

12. Il-Kunsill iddiskuta il-possibilita' li ghal attivitajiet futuri jkollu *souvenir* ufficjali li jkun jista' juzah bhala ghotja/tifkira f'okkazjonijiet ufficjali bhal zjarat minn delegazzjonijiet ecc. Il-Kunsill qabel li tintalab kwotazzjoni lil Gozo Glass ghal kastell tal-hgieg. Il-kastell simbolu tal-emblema tal-Kunsill.

**Pagna 3 Minuti tas-37 laqgha kontinwazzjoni**

13. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-attrazzjonijiet principali ta' Seher il-Punent li ser jikkonsistu f'loghob tan-nar bhala parti mis-simpozju internazzjonali tan-nar ta' l-MTA, kuncert 70s, 80s, 90s mill-Banda Vizitazzjoni, kuncert minn New Cuori u xow mill-kast tal-programm Déjà vu.

14. Il-laqgha spiccat hin 5.50pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv